MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 30/2014

**Il-Pulizija**
**[Spettur Darren Buahagiar]**

**vs**

**Mahnaz Tala**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mahnaz Talia detentrici tal-karta tal-passaport Iranjan bin-numru W22630909;

Akkuzata talli:
Talli fis-6 ta' Jannar 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellha fil-pussess taghha dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport Olandiz, innumerat RD18RL9L3 u maħruġ f'isem Marjan Enjileli, ittrasferixxiet dan id-dokument lil persuna oħra jew

irċieviet dokument li ġie ittrasferit lilha minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta’ Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet użu jew ittantat tagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta’ Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tat prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta’ Malta)

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32(1c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Wara li semghet l-ammissjoni tal-istess imputata u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tikun tista’ tirregola ruhha, issib lill-imputata Mahnaz Tali hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tikkundannaha ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------